# FEDERAZZJONI MALTIJA TA' l-ISPORT TA' L-ISPARAR
**(IMWAQQFA 1908)**

## STATUT U REGOLAMENTI

### ARTIKLU 1 - ISEM

L-isem ta' l-organizzazjoni huwa l-MALTA SHOOTING SPORT FEDERATION li minn hawn 'l quddiem tissejjah "**IL-FEDERAZZJONI**".

### ARTIKLU 2 – GHANIJIET

L-Ghanijiet tal-Federazzjoni huma:-

a) biex tkun l-entita' Nazzjonali Maltija li tiggverna l-isport ta' sparar b'armi fuq plattini, targets u kull xorta ta' sport iehor ta' sparar b'armi kif jipprovdu l-ISSF, l-ESC, il-CSF, il-CSFED u l-MLAIC, u biex tinkoragixxi u torganizza dawn is-setturi ta' l-isport. Barra minn hekk, il-Federazzjoni ghanda taccetta u tilqa' bhala membri, persuni li jkunu kolletturi ta' armi antiki u armi ohrajn, liema armi jridu jkunu koperti bil-permessi mehtiega skond il-ligi. Il-Federazzjoni hi '*non profit making*' u s-surplus li jkun hemm ghandu jmur ghall-*upkeep* tal-post u l-isport ta' l-isparar.

b) biex tinkoragixxi relazzjonijiet tajba bejn il-Federazzjoni u organizazzjonijiet sussidjarji u/jew clubs u assocjazzjonijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' l-isport ta' l-isparar.

c) biex tikkonsulta u tikkollabora ma' assocjazzjonijiet u/jew clubs ta' l-isports, kunsilli u/jew kumitati f'materja ta' interess internazzjonali, nazzjonali u generali u fejn ikun il-kaz li tissieheb maghhom u fejn ikun il-kaz timxi mar-regolamenti taghhom.

d) minhabba li l-Federazzjoni m'hiex organizzazjoni kummercjali u kull qliegh li jista' jsir kif ukoll l-assi huma l-propjeta' tal-Federazzjoni ghandhom jigu gestiti skont l-istess necessitajiet tal-Federazzjoni u l-membri taghha.

### ARTIKLU 3 - L-UFFICJU CENTRALI

L-Ufficcju centrali tal-Federazzjoni jinstab fir-*Ranges* tal-Bidnija, limiti tal-Mosta. L-indirizz tal-Federazzjoni jigi maghzul mill-Kunsill minn zmien ghal zmien.

### ARTIKLU 4 - SHUBIJA

**4.1** Kull min jippratika l-isport ta’ sparar b'armi fuq plattini (trap, skeet u double trap) u fuq targets jew sport iehor ta' sparar b'armi f'Malta, u kull min huwa genwinament interessat f'dan l-qasam sportiv jista jkun membru tal-Federazzjoni. Membri tal-Federazzjoni biss jistghu jippartecipaw f’kompetizzjonijiet jew avvenimenti ta’ sparar f'Malta li jkun organizzati mill-Federazzjoni.

**4.2** Is-shubija mal-Federazzjoni ta' nisa u rgiel li jridu jippratikaw l-isport ta’ l-sparar fuq il-plattini huwa kif gej:

a) Is-shubija hija miftuha ghal irgiel u nisa ta' kondotta tajba, izda l-ebda membru ma jista' jiehu sehem f'attivitajiet ta' sparar jekk ma jkollux il-licenzja jew licenzji mitluba mill-awtoritajiet tal-Pulizija.

b) Persuni li jixtiequ jidhlu membri tal-Federazzjoni jridu jigu pproponuti u ssekondati fuq formola apposta minn membri shah tal-Federazzjoni. L-isem tal-membru prospettiv flimkien ma' l-ismijiet ta' min ippropona u ssekonda l-kandidat ghandhom jigu esposti fin-notice board tal-Federazzjoni ghal mhux inqas minn hmistax–il gurnata qabel l-elezzjoni.

c) Is-shubija tal-membri godda fil-Federaition tkun imwettqa bl-elezzjoni mill-Kunsill.

d) Kandidati li jkunu eletti jridu jhallsu mizata ta’ shubija ta' tnax-il lira Maltija (LM12). Dan l-ammont jinkludi wkoll l-abbonament ghas-sena tas-shubija. L-abboniment annwali ghandu jkun ta’ tnax-il lira Maltija (LM12) li jigi mgedded fl-ewwel ta’ Jannar ta' kull jew Block Membership ta’ tletin lira Maltija (LM 30).

e) Kandidat li jonqos milli jhallas il-mizata tas-shubija fi zmien xahar mill-elezzjoni tieghu, ikollu ismu mnehhi mill-lista tal-membri eletti, u jekk ikun jixtieq jerga' jidhol membru tal-Federazzjoni jkollu bzonn jigi proponut u ssekondat mill-gdid.

f) F'kaz li xi kandidat jigi mholli barra fl-elezzjoni, ismu ma jistax jerga' jidher ghall-elezzjoni qabel ma jghaddu tnax-il xahar.

g) Il-Kunsill ghandu l-poter li jista' jerga' jdahhal mill-gdid membru li kien mitlub jirrizenja jew kien imkecci mill-Federazzjoni.

h) Il-Kunsill ghandu l-jedd li minn zmien ghal zmien jista' jahtar Membri Onorarji fil-Federazzjoni li qabel kienu membri ta' l-istess Federazzjoni ghal mhux inqas minn hames snin, u li darba dawn jigu eletti jkollhom id-drittijiet u l-privileggi li jinkludu wkoll id-dritt ghall-vot fil-Laqgha Generali u jistghu johorgu ghall-elezzjoni tal-Kunsill bhal membri l-ohra li jhallsu l-abbonimenti.

i) Il-Kunsill ghandu wkoll il-jedd li jahtar Membri Onorarji tal-Federazzjoni minghajr ma dawn ikollhom id-dritt li jivvotaw fil-Laqgha Generali jew li johorgu ghall-elezzjoni tal-Kunsill.

**ARTIKLU 5 - ABBONAMENTI**

**5.1** L-abbonamenti ghal membri individwali tal-Federazzjoni huma kif gej:

a) L-abbonimenti ghandhom jigu mhallsa lit-Tezorier tal-Federazzjoni b'sena bil-quddiem u l-abbonament ghandu jkun tnax-il lira Maltija (LM12) fis-sena, jew block membership ta' tletin lira Maltija (LM30)

b) Membru li jonqos li jhallas fi zmien xahar minn meta jigi mitlub jaghmel dan mit-Tezorier b'ittra registrata, jigi kkonsidrat li naqas, u ismu jigi mnehhi mil-lista tal-membri.

c) Xi membru li ma jibqax fil-Federazzjoni, jew ghax jirrizenja jew ghal xi ragunijiet ohra, jista' jitlob lura parti mill-mizata tas-shubija jew l-abbonament.

d) Membri li jhallu Malta ghal aktar minn sena ghandhom javzaw bil-miktub lis-Segretarju, biex dan ikun jista' jnizzel l-ismijiet mal-lista tal-membri assenti. Dawn il-membri jigu ezentati milli jhallsu l-mizati, izda dawn lanqas ma jkollhom id-dritt li jivvotaw matul dan il-perjodu.

e) Xi membru li jista' jkollu l-hsieb li jirrizenja mill-Federazzjoni ghandu jinforma bil-miktub lis-Segratarju. Jekk jonqos li jaghmel dan, il-membru *in kwistjoni* jista' jigi obbligat ihallas dak li jkun dovut minnu.

f) Dawk il-membri li jkunu aggornati fil-hlas ta' l-abbonament biss ghandhom id-dritt li jiehdu sehem fl-attivitajiet tal-Federazzjoni u jistghu jivvotaw fil-Laqgha Generali jew Laqghat ohra Straordinarji.

**5.2** Dak stipulat fil-paragrafi precedenti (Artiklu 5, para a sa f) fejn applikabbili japplika bl-istess mod u taht l-istess kundizzjonijiet ghal abbonamenti dovuta mill-Clubs lill-Federazzjoni.

**ARTIKLU 6. - IL-KUNSILL**

**6.1** Ghandu jkun hemm Kunsill ifformat minn ta' l-inqas seba' (7) membri izda mhux iktar minn ghaxar (10) membri biex jiehdu hsieb li x-xoghol tal-Federazzjoni jitmexxa b'efficjenza. Dawn il-membri ghandhom jigu eletti kull sentejn kif jipprovdi dan l-Istatut. Dawn jistghu jigu proponuti u sekondati minn membri ndividwali tal-Federazzjoni jew minn Clubs affiljati mal-Federazzjoni u ghandhom jigu proponuti u sekondati kif gej:

a) kull persuna pproponuta tista' tindika fuq l-istess nomina mhux aktar minn zewg karigi fil-Kunsill (i.e. wahda minn President, Segretarju, Tezorier u P.R.O. ) li ghalihom jixtieq jigi elett, kif wkoll bhala membru. Il-karigi ta' President u

Segretarju jistghu jigu okkupati biss minn persuni ta' nazzjonalita' Maltija.

b) l-persuni pproponuti u ssekondati minn membri ndividwali tal-Federazzjoni ghandhom ikunu membri shah tal-Federazzjoni fis-sentejn ta' qabel l-elezzjoni u f'dak il-mument jridu jkunu *in regola* fil-hlas tal-mizata tal-Federazzjoni.

c) l-persuni pproponuti u ssekondati minn Clubs, jekk ma jkunux membri individwali tal-Federazzjoni, f'kaz li jigu eletti ghall-Kunsill huma suggetti ghall-gurisdizzjoni u dixxiplina tal-Federazzjoni bhal li kieku kienu membri tal-Federazzjoni.

d) jigu eletti seba' (7) membri minn fost dawk proponuti u sekondati mill-membri ndividwali tal-Federazzjoni.

e) jigu eletti zewg membri (2) minn fost dawk proponuti u sekondati mill-clubs li huma registrati mal-Federazzjoni bhala clubs ghall-isparar fuq plattini.

f) jigi elett membru wiehed (1) minn fost dawk proponuti u sekondati mill-clubs ghall-isparar fuq targets u sparar iehor.

**6.2** Membru tal-Federazzjoni li jigi elett bhala membru fil-Kunsill jaghmel dan b'mod volontarju u ma ghandu jsir l-ebda hlas ghax-xoghol li jwettaq fir-rwol tieghu bhala membru tal-Kunsill.

a) Membru tal-Kunsill ma jistax jigi mjegat mal-Federazzjoni.

b) Membru tal-Federazzjoni li jinghata impieg ma' l-istess Federazzjoni, jew impjegat tal-Federazzjoni li sussegwentement isir membru tal-Federazzjoni, ma jistax jigi nnominat ghall-elezzjoni bhala membru tal-Kunsill.

c) Membru tal-Federazzjoni li jkun impjegat *full time* mal-Federazzjoni, u jigi elett bhala membru tal-Kunsill, irid jirrezenja mill-impjieg tieghu mal-Federazzjoni mmedjatament.

Ghall-fini ta' dan l-artiklu, membru tal-Kunsill jinkludi ukoll il-karigi ufficjali fi hdan l-istess Kunsill.

## ARTIKLU 7. - L-ELEZZJONI TAL-KUNSILL

**7.1** L-ismijiet tal-membri li jkunu proponuti u sekondati ghall-elezzjoni ghandhom ikunu esposti fin-notice board tal-Federazzjoni ghal mhux inqas minn hmistax il-gurnata qabel il-Laqgha Generali Annwali.

**7.2** Il-Kunsill jigi elett ghal sentejn. Il-Votazzjoni ghall-elezzjoni tal-membri tal-Kunsill ghandha ssir fil-Laqgha Generali Annwali tal-Federazzjoni relattiva u l-membri tal-Kunsill prezenti ghandhom jirtiraw mill-kariga wara li jkunu temmew ix-xoghol normali taghhom.

Dawn ir-regoli ghandhom jigu osservati waqt il-votazzjoni

a) Il-Votazzjoni ghandha tkun sigrieta.

b) Il-votazzjoni ghandha tkun votazzjoni diretta ghall-kandidati li hargu ghall-elezzjoni tal-Kunsill kif spjegat f'dan l-Istatut.

c) Kull membru/delegat jista jivvota ghal mhux iktar mis-segwenti:-

i. massimu ta' zewg voti ghal kanditati nominati mill-Clubs ghall-isparar fuq il-plattini;

ii. vot wiehed ghall-kandidati nominati mill-Clubs ghall-isparar fuq targets u sparar iehor;

iii. massimu ta' seba' voti ghall-kandidati proposti minn membri ndividwali tal-Federazzjoni jekk l-istess membri jew uhud minnhom jikkontestaw pozizzjoni ta' kariga (President, Segretarju, Tezorier, u P.R.O.), ghall-kull nomina ta' karga li ma tigix kontesta jonqos vot minn dawn is-seba';

iv. minbarra l-voti ndikati fil-paragrafi (i) sa (iii) ta' dan l-artiklu, fil-parti tal-karta tal-vot fejn ikun hemm nomini ghal-karigi ta' President, Segretarju, Tezorier u PRO, vot wiehed ghal kull kariga proposta.

**7.3** Jigu eletti dawk l-kandidati li jiksbu l-aktar voti fis-sezzjonijiet rispettivi, u cioe zewg kandidati mill-kandidati proposti mill-Clubs ghall-isparar fuq il-plattini, kandidat wiehed mill-kandidati nominati minn Clubs registrati bhala Clubs ghall-isparar fuq targets u sparar iehor u seba' kandidati mill-kandidati proposti minn membri ndividwali tal-Federazzjoni. Fl-istess elezzjoni, minn dawn l-ghaxar persuni eletti, jigu eletti l-persuni ghall-karigi msemmija fil-paragrafu 7.2. sub paragrafu c.iv. dawk li jottjenu l-aktar voti ghall-kariga rispettiva.

. Minkejja l-premess, jekk ghal xi raguni ma jkunx hemm nomini sufficjenti mill-Clubs ta' l-isparar fuq plattini u jkun hemm iktar minn persuna wahda proposta mill-Clubs ghall-isparar fuq targets u sparar iehor, jigu eletti membri minn dawk proposti mill-Clubs ghall-isparar fuq targets u sparar iehor u s-sistema ta' votazzjoni u elezzjoni tigi mibdula relattivament. Dan jghodd *mutatis mutandis* fl-invers.

Inoltre, jekk ma jkunx hemm tlett persuni nnominati mill-Clubs imsemmija fil-paragrafu precedenti, d-deficjenza timtela mill-persuni proposti mill-membri individwali tal-Federazzjoni u s-sistema ta' votazzjoni w elezzjoni tigi mibdula relattivament.

## ARTIKLU 8 - IL-FORMAZZJONI TAL-KUNSILL

a) Il-Kunsill ghandu jikkonsisti minn ghaxar membri. Il-President, is-Segretarju, t-Tezorier u l-PRO ghandhom ikunu dawk l-persuni li

jigu hekk eletti fl-elezzjoni generali. Il-karigi l-ohra ta' Vici President, Assistent Segretarju u kull kariga ohra li l-Kunsill jidhirlu xieraq jinhatru mill-istess Kunsill fl-ewwel seduta tieghu.

b) Il-Kunsill huwa responsabbli ghall-politka u t-tmexxija tal-Federazzjoni, kif inhu stipulat fir-regoli u l-minuti tas-seduti tal-Kunsill. Id-decizjonijiet ghandhom ikunu skond il-maggoranza tal-voti, fejn l-President ghandu l-vot decisiv f'kaz ta' bzonn.

c) Meta l-President ikun assenti, l-Vici President ghandu jmexxi s-seduti. Meta t-tnejn ikunu assenti, l-membri ghandhom jahtru president provizorju minn fost l-membri presenti.

d) Biex ikun hemm *quorum* sabiex tkun tista' tibda s-seduta, jrid ikun hemm mill-anqas zewg terzi tal-membri tal-Kunsill. F'Kaz li tletin minuta wara l-hin avzat ma jkunx ghad hemm il-*quorum* mehtieg, is-seduta tal-Kunsill tibda xorta wahda, basta prezenti jkun hemm 50% u wiehed tal-membri tal-Kunsill.

## ARTIKLU 9 - POSTIJIET VAKANTI JEW REZENJI MILL-KUNSILL

a) Kull ufficjal jew membru tal-Kunsill li jonqos li jattendi ghal tlett seduti konsekuttivi minghajr raguni accettabli ghall-Kunsill, jigi meqjus li rrezenja mill-Kunsill.

b) Postijiet vakanti minn ufficjali tal-Kunsill ghandhom jimtlew b'elezzjoni kazwali.

c) Postijiet vakanti minn membri tal-Kunsill ghandhom jimtlew mill-kandidat/kandidati li fl-ahhar elezzjoni jkunu gabu l-akbar numru ta' voti wara l-ahhar kandidat li kien gie elett bhala membru tal-Kunsill u f'kaz li ma jkunx hemm kandidati ohra, l-Kunsill ghandu jsejjah elezzjoni kazwali.

## ARTIKLU 10. - IT-TMEXXIJA

a) Il-Kunsill ghandu f'idejh it-tmexxija tal-Federazzjoni skond l-Artiklu sitta (6).

b) Il-Kunsill huwa awtorizzat li jwaqqaf sotto-kumitati biex l-attivitajiet tal-Federazzjoni jkuniu jistghu jimxu ahjar, u li dawn is-sotto kumitati ghandhom minn naha taghhom, jinformaw lill-Kunsill b'dak kollu li jkun sar, u joqghodu ghad-direttivi ta' l-istess Kunsill. Ic-Chairperson ta' kull sotto kumitat ghandu jkun membru tal-Kunsill.

c) Il-President u s-Segretarju flimkien ghandhom jirraprezentaw 'il-Federazzjoni fi proceduri gudizzjarji u/jew jorbtu il-Federazzjoni f'xi ftehim li jkun sar u li jkun approvat mill-bqija tal-Kunsill.

## ARTIKLU 11. - SEDUTI TAL-KUNSILL

Il-Kunsill ghandu jiltaqa' kif gej:

a) Mill-anqas darba fix xahar b’agenda;

b) Fuq talba bil-miktub ta' mhux inqas minn tlett membri. Din l-laqgha ghandha ssir mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata minn meta s-Segretarju jircievi t-talba;

c) Meta jidhirlu l-President tal-Kunsill.

## ARTIKLU 12. - IL-POTERI TAL-KUNSILL

a) **President** - Hu d-dover tal-President li jippresiedi fuq is-Seduti tal-Kunsill, Seduti Generali u/jew Straordinarji, u li jikkonferma l-minuti li jirrigwardjaw il-Laqghat tal-Kunsill kif ukoll il-minuti tal-Laqghat Generali u/jew Straordinarji. Barra minn hekk, il-President hu fid-dmir li jispjega xi punti kif provduti fuq l-agenda tal-laqgha u li jispjega u jwiegeb xi mistoqsijiet li jitqajjmu mill-membri presenti. Il-President ghandu s-setgha li flimkien mas-Segretarju jew it-Tezorier jiffirma u japprova hlasijiet dovuti mill-Federazzjoni.

b) **Vici President** - Hu fid-dmir li jassumi r-responsabiltajiet u d-dmirijiet tal-President meta dan ta' l-ahhar ikun assenti.

c) **Segretarju** - Hu d-dover tas-Segretarju li jzomm rekord bil-miktub tas-Seduti tal-Kunsill, tal-Laqghat Generali u/jew Laqghat Straordinarji fil-ktieb tal-minuti. Is-Segretarju ghandu jservi bhala l-mezz ta' komunikazzjoni fi hdan il-Federazzjoni u ghandu jzomm kopja tal-korrispondenza kollha, filwaqt li jinforma u jipprezenta din il-korrispondenza fis-Seduti tal-Kunsill. Is-Segretarju hu fid-dmir li jzomm kopja ta' l-Istatut li jinkludi l-ahhar amendi li jkunu saru.

Il-korrispondenza tal-Federazzjoni ghandha tkun iffirmata mis-Segretarju. Hu d-dmir tas-Segratarju li jipprezenta r-rapport annwali fil-Laqghat Generali.

d) **Assistent Segretarju** - Dan hu fid-dover li jghin u jassisti lis-Segretarju biex dan ikun jista' jaqghdi ahjar id-doveri tieghu kif ukoll li jaghmel ix-xoghol ta’ Segretarju meta dan ta’ l-ahhar ikun nieqes.

e) **Tezorier** - Dan hu fid-dmir li jigbor il-mizati tad-dhul, abbonamenti kif wkoll xi multi dovuti minn membri tal-Federazzjoni. It-Tezorier ghandu jzomm il-kont bankarju tal-Federazzjoni kif ukoll ktieb li juri kull negozju kif sar mill-Federazzjoni. Dan il-ktieb tal-kontijiet irid ikun ezaminat minn awditur kwalifikat mahtur mill-Kunsill u approvat waqt il-Laqgha Generali Annwali. Il-firmatarji jkunu tnejn mit-tlett karigi jigifieri il-President, is-Segretarju, u t-Tezorier.

f) **Assistent Tezorier** - Dan hu fid-dover li jghin u jassisti lit-Tezorier biex dan ikun jista' jaqdi ahjar id-doveri tieghu kif ukoll li jaghmel ix-xoghol ta’ Tezorier meta dan ta’ l-ahhar ikun nieqes.

g) **Public Relations Officer** - Hu d-dover tal-PRO li jikoordina x-xoghol tal-Federazzjoni mal-Media kif ukoll ir-relazzjonijiet pubblici.

**ARTIKLU 13. - IL-LAQGHA GENERALI ANNWALI u BI-ANNWALI**

**13.1** Il-Laqgha Generali Annwali tal-Federazzjoni ghandha tigi msejjha fil-gurnata tas-Sibt matul ix-xahar ta' Frar sabiex:-

a) Il-President jaghmel d-diskors tieghu;

b) Is-Segretarju jipprezenta r-rapport annwali u jaghti dettalji tal-hidma amministrattiva ghas-sena kalendarja precedenti;

c) Jinqara r-rapport finanzjarju tal-Federazzjoni ghas-sena kalendarja precedenti kif approvat mill-Awditur;

d) Jigu diskussi l-proposti li jkollhom bzonn l-approvazzjoni tal-Laqgha Generali u li fuqhom ikun diga sar avviz;

e) Jigu kkonsidrati, kkonfermati u/jew rifjutati dawk l-Bye Laws u emendi ghal Bye Laws, li jkun ghadda il-Kunsill mill-ahhar Laqgha Generali Annwali;

**13.2** Il-Laqgha Generali Bi-Annwali tal-Federazzjoni ghandha tigi msejjha fil-gurnata tas-Sibt matul ix-xahar ta' Frar sabiex:-

a) Il-membri prezenti ghall-Laqgha Generali jaghzlu tlett (3) membri minn fost dawk presenti sabiex iservu bhala kummissarji elettorali u jmexxu l-elezzjoni ghall-Kunsill. Id-decizjoni ta' dawn il-kummissarji elettorali tkun finali. L-elezzjoni ghall-Kunsill tkun b'vot sigriet.

b) Jilqghu r-risenja tal-Kunsill;

c) Itellghu Kunsill gdid;

d) Issir hatra ta' Awditur kkwalifikat;

e) Issir il-hatra ta' membri fuq il-Bord ta' Dixxiplina;

**13.3** Il-votazzjoni ssir immedjatament malli taghlaq l-Laqgha Generali u malli jivvota minn ikun prezenti l-kummissarji jghaddu sabiex jipprocedu bl-ghadd tal-voti. Il-membri tal-Federazzjoni, Clubs u l-kandidati ghandhom dritt ikunu prezenti waqt l-ghadd tal-voti izda bl-ebda mod ma ghandhom jindahlu fl-operat tal-kummissarji elettorali li jkollhom responsabbilita' u diskrezzjoni assoluta fuq kull kwistjoni li tista' tinqala' f'dan ir-rigward.

**ARTIKLU 14. - L-AVVIZ**

Ghandha tintbghat cirkulari lill-membri kollha tal-Federazzjoni u lill-Clubs affiljati dwar il-Laqgha Generali Annwali u jigi wkoll imwahhal avviz fuq in-notice board tal-Federezzjoni mhux anqas minn tletin (30) gurnata qabel id-data ffissata ghall-Laqgha kif ukoll ghandha ssir Press Release fil-media.

L-avviz ghandu jintbaghat mis-Segretarju bil-posta regolari lill-membri u lill-Clubs fl-indirizz li huma jkunu taw lill-Federazzjoni u muri bhala l-indirizz ufficjali taghhom u  jitqiesu li gew debitament mgharrfa bic-cirkolari jekk is-Segretarju jikkonferma li c-cirkolari intbghatet kif premess.

**ARTIKLU 15 - QUORUM**

Biex Laqgha Generali tkun tista tibda jrid ikun hemm mhux inqas minn wiehed u hamsin fil-mija (51%) tal-membri u d-delegati tal-Clubs u li jkunu *up to date* fil-hlas tal-*membership*. F'kaz li tletin minuta wara l-hin avzat ma jkunx  ghad hemm *quorum*, is-seduta tibda xorta wahda, rrispettivament minn kemm ikun hemm membri prezenti.  Kull decizjoni li titiehdet waqt il-Laqgha tkun torbot lill-membri u lill-Clubs kollha tal-Federazzjoni daqs li kieku kien jezisti quorum meta l-membri prezenti vvotaw f'din il-Laqgha.

**ARTIKLU 16. - RIZOLUZZJONIJIET**

Kull rezoluzzjoni jew mozzjoni proposta mill-membri jew Clubs ghall-Laqgha Generali Annwali ghandhom jaslu ghand is-Segretarju mhux aktar tard mill-hmistax (15) ta' Jannar, u ghandhom ikunu esposti fin-notice board tal-Federazzjoni gurnata qabel il-Laqgha.

**ARTIKLU 17. - IL-VOTAZZJONI**

a) Kull rezoluzzjoni migjuba quddiem il-Laqgha Generali, ghandha tkun deciza b'vot sigriet, jekk hames (5) membri/delegati  jitolbu li jsir dan.

b) Kull rezoluzzjoni migjuba quddiem il-Laqgha Generali Annwali trid tghaddi b'vot ta’ maggoranza semplici.

c) F'kull Laqgha Generali r-rezoluzzjonijiet kollha ghandhom jinqraw ezattament qabel ma’ ssir il-votazzjoni fuqhom.

d) L-ebda regola gdida jew olterazzjoni jew emenda tar-regoli ezistenti ma tista ssir jekk ma jkunx hemm maggoranza ta' zewg terzi tal-membri u delegati prezenti ghall-Laqgha Generali.

e) Meta mozzjoni tigi ghall-vot quddiem il-Laqgha Generali, l-ebda membru jew delegat ta’ Club, hlief il-Kunsill, ma jista' jitlob li ssir Laqgha Generali Straordinarja fuq din l-istess mozzjoni, jew fuq xi suggett relatat maghha ghall-perjodu ta’ sitt xhur.

**ARTIKLU 18 - IL-VOTAZZJONI FIL-LAQGHA GENERALI**

Huma biss dawk il-membri u Clubs li jkunu *up to date* fil-*membership* li ghandhom id-dritt li jivvutaw fil-Laqgha Generali.

**ARTIKLU 19. - LAQGHA GENERALI STRAORDINARJA**

Il-Kunsill jista' jsejjah Laqgha Generali Straordinarja tal-Federazzjoni wara li jkun avza u specifika l-ghan, u ghalhekk wara li l-ghan ikun specifikat l-ebda materja ohra ma tista' tigi diskussa fil-Laqgha.

Il-Laqgha Generali Straordinarja tal-Federazzjoni ghandha l-poter shih li xxolji l-Federazzjoni u tibda l-proceduri u tadotta l-metodu kif l-assi tal-Federazzjoni ghandhom jigu disposti.

Fuq talba bil-miktub ta' mhux anqas minn hmistax fil-mija (15%) tal-membri, li hadd minnhom ma jrid ikun membru fil-Kunsill tal- Federazzjoni, l-Kunsill ghandu jsejjah Laqgha Generali Straordinarja fi zmien xhar.

**ARTIKLU 20.- L-AVVIZ**

Kull avviz mahrug mill-Kunsill dwar l-Laqgha Generali Straordinarja jrid ikun iffirmat mis-Segretarju u esebit fuq in-notice board tal-Federazzjoni mhux inqas minn tletin (30) gurnata qabel il-Laqgha. Kull membru jew Club affiljat ghandu jigi nformat b'cirkolari tletin (30) gurnata qabel u ghandha ssir Press Release fil-Media.

L-avviz ghandu jintbaghat mis-Segretarju bil-posta regolari lill-membri u lill-Clubs fl-indirizz li huma taw lill-Federazzjoni bhala l-indirizz taghhom u jitqiesu li gew debitament mgharrfa bic-cirkolari jekk is-Segretarju jikkonferma li c-cirkolari intbghatet kif premess.

**ARTIKLU 21. - IL-KOSTITUZZJONI**

Biex tibda l-Laqgha Generali Straordinarja jrid ikun hemm mhux inqas minn wiehed u hamsin fil-mija (51%) tal-membri u delegati ta’ Clubs li l-abboniment taghhom irid ikun *up to date*, u jekk tletin minuta wara il-hin li suppost tibda l-Laqgha, n-numru ta' membri ma jkunx bizzejjed, il-Laqgha tibda xorta wahda b'dawk il-membri li jkunu prezenti. Kull decizjoni li tittiehed f’din il-Laqgha tkun torbot il-membri kollha tal-Federazzjoni daqs li kieku kien hemm quorum shih.

**ARTIKLU 22. - IL-VOTAZZJONI**

a) Kull rezoluzzjoni mpoggija fuq il-mejda ghall-Laqgha Generali Straordinarja, ghandha tkun deciza b'vot sigriet, jekk hames (5) membri jitolbu li jsir dan.

b) Kull rezoluzzjoni migjuba quddiem il-Laqgha Generali Straordinarja trid tghaddi b'vot ta’ maggoranza semplici.

c) F'kull Laqgha Generali Straordinarja, r-rezoluzzjonijiet kollha ghandhom jinqraw ezattament qabel ma ssir il-votazzjoni fuqhom.

d) L-ebda regola gdida jew emendi ta’ regoli ezistenti ma jistghu jsiru jekk ma jkunx hemm maggoranza ta' zewg terzi tal-membri u delegati tal-Clubs prezenti fil-Laqgha Generali.

e) Meta mozzjoni tigi ghall-vot quddiem il-Laqgha Generali Straordinarja, l-ebda membru jew delegat ta’ Club ma jista' jitlob li

ssir Laqgha Straordinarja fuq l-istess mozzjoni jew fuq xi suggett li ghandu x'jaqsam maghha ghall-perjodu ta' tlett xhur, hlief il-Kunsill innifsu.

f) Fil-kaz li l-Laqgha Generali Straordinarja tissejjah sabiex jigi elett Kunsill gdid, jigu applikati l-provedimenti ta' dan l-Istatut ghall-Laqgha Generali Annwali u l-elezzjonijiet.

**ARTIKLU 23. - L-IMGIEBA TAL-MEMBRI**

**23.1** Membri u l-Clubs tal-Federazzjoni jridu joqghodu ghall-Bye Laws tal-Federazzjoni kif approvati fil-Laqgha Generali kif wkoll ghall-dawk il-Bye Laws addizjonali li jkunu ntrodotti mill-Kunsill wara l-ahhar Laqgha Generali.

Jekk xi Club joggezzjona ghal xi Bye Law, dan ghandu dritt iressaq l-ilment tieghu quddiem il-Kunsill. Il-Kunsill jista jhassar jew jemenda l-Bye Law partikolari kif jidhirlu xieraq wara li jkun ta' l-opportunita' lill-istess Club li jispjega l-ilment tieghu.

**23.2** Kull membru jew Club li jikser dawn il-Bye Laws jista jigi mitlub jidher quddiem l-Kunsill sabiex jaghti l-veduti tieghu fuq in-nuqqasijiet li l-Kunsill jidhirlu li dan ikun wettaq u f'dan il-kaz huma lkoll jistghu jirrizolvu l-problema minghajr il-htiega ta' ebda proceduri ohra. F'kaz li ma jintlahaqx ftehim u l-Kunsill jidhirlu li dan huwa opportun, l-Kunsill ghandu l-jedd li jirreferi l-kaz quddiem l-Bord ta' Dixxiplina.

**23.3** F'kaz li l-imgieba ta' xi membru jew Club, kemm fil-*premises* tal-Federazzjoni kif ukoll barra, fil-fehma tal-Kunsill tkun hazina u li tista b'xi mod taghmel hsara lill-interessi tal-Federazzjoni jew ggib l-isport *in disreput*, jew tmur kontra l-ghanijiet tal-Federazzjoni, il-Kunsill ghandu s-sahha li jressaq l-kaz quddiem l-Bord ta' Dixxiplina. Kull membru jew Club li jhossu similment aggravat jista jirraporta lill-Kunsill u jitlob li dan l-ilment jigi mressaq ukoll quddiem l-Bord ta' Dixxiplina.

**23.4** Jekk jinqala l-kaz fejn fl-opinjoni tal-Bord ta' Dixxiplina n-nuqqas ma jkunx gravi hafna sabiex jigi trattat kif stipulat fil-paragrafu ta' qabel, il-Bord ikun awtorizzat li jwahhal multa ta' mhux aktar minn ghaxar liri (LM 10) u/jew sospensjoni tal-membru jew tal-Club ghall-perijodu ta' mhux aktar minn tlett xhur. Is-sospensjoni ma taffettwax lill-membru jew Club milli jibqa' jhallas l-abbonimenti jew li jitlef id-dritt li jista jitlob lura parti mill-abboniment li jkun hallas.

Membru jew Club sospiz ma jistax jippartecipa fl-attivitajiet sportivi tal-Federazzjoni.

**23.5** Jekk jinqala kaz fejn fl-opinjoni tal-Bord in-nuqqas ikun gravi, jew il-membru jew Club ikkoncernat ikun hedded jew hebb jew b'xi mod kien vjolenti jew kiser ir-regoli ta' l-*antidoping* jew ikun ipprovat li bil-hsieb hadem kontra l-interessi tal-Federazzjoni jew kontra l-interessi ta' l-isport *in-generali*, l-Bord jista jiehu passi dixxiplinari kontra dik il-persuna jew Club u jekk jinstab hati tista tehel piena

minn twiddiba sa tkeccija mill-Federazzjoni flimkien ma' multa ta' mhux aktar minn Lm 50.

**23.6** F'kull kaz ta' mgieba hazina ta' membru jew Club, il-Kunsill ghandu jsejjah lill-membru jew lill-Club ikkoncernat biex jisma' l-veduti tieghu dwar l-allegazzjonijiet. Wara s-Segretarju ghandu jinforma lill-membru jew club jekk il-kaz ikunx jitlob Bord ta' Dixxiplina jew le.

**23.7** Jekk xi membru jew club jonqos li jidher quddiem il-Kunsill biex jaghti spjegazzjoni dwar l-akkuza ta' mgieba hazina u ksur tar-regoli, l-Kunsill jista' jiehu d-decizjonijiet mehtiega daqs li kieku dan il-membru jew Club kien prezenti.

**23.8** L-ebda membru tal-Federazzjoni, club jew membru ta' club ma jista jippartecipa f'kompetizzjoni jew avvenimenti ta' isparar fuq plattini jew targets barra minn Malta jekk il-kompetizzjoni jew l-avveniment jew il-partecipazzjoni tkun sanzjonata mill-Federazzjoni. F'kaz ta' ksur il-membru jew Club ikun suggett ghall-sanzjonijiet li l-Kunsill jidhirlu li ghandu jimponi.

**23.9** F'kaz li l-Federazzjoni jew xi Club jew Assocjazzjoni affiljat tiddixxiplina xi membru ghal xi nuqqas ikkunsidrat gravi, l-Federazzjoni, l-Club jew l-Assocjazzjoni ghandhom l-obbligu li jinformaw lil xulxin bid-dettalji kollha tal-kaz u d-dixxiplina imposta.

## ARTIKLU 23A – BORD TA' DIXXIPLINA U APPELL

a) Ghandu jkun hemm Bord ta' Dixxiplina li ghandu l-poter li jisma u jiddeciedi l-kazijiet kollha li jigu sottomessi lilu kif stipulat f'dan l-Istatut.

b) Il-Bord ta' Dixxiplina jkun kompost minn tlett persuni: Chairman mahtur mill-Kunsill u zewg membri mahtura minn lista approvata mill-Laqgha Generali Bi-Annwali. Il-lista ta' membri maghzula tigi xoltha pari passu ma' l-elezzjoni generali tal-membri tal-Kunsill. Ghal dan il-ghan, fil-Laqgha Generali Bi-Annwali jintlaghu nominazzjonijiet mill-membri presenti sabiex jinhatru membri fuq il-Bord ta' Dixxiplina. Jigu milqugha n-nominazzjonijiet ta' dawk kollha li jigu ssekondati. Iz-zewg membri li jkunu ser iservu bhala membri fuq il-Bord jintaghzlu bil-polz fil-prezenza ta' l-akkuzat. Kemm il-Kunsill kif ukoll l-akkuzat izommu d-dritt li jirrifjutaw ghal-darbtejn xi membru tal-Bord. Dawk li jservu fuq Bord jigu mehlusa milli jergu jservu sakemm issir rotazzjoni shiha.

c) Il-Bord ghandu jiddetermina u jirregola l-procedura li ghandha tigi segwita f'kull kaz li jitressaq quddiemu. Matul is-smigh tal-kaz, il-Bord ta' Dixxiplina ghandu dritt li jiehu l-passi xierqa u opportuni sabiex matul il-process jinzamm id-decor u l-buon ordni. Decizjonijiet fuq dan l-aspett huma finali u ghandhom jigu obduti minnufih.

d) Kull membru tal-Bord ta' Dixxiplina ghandu vot wiehed. Id-decizjoni tittiehed b'maggoranza u tinghata decizjoni wahda li tinqara u tigi ffirmata mic-Chairman. Ma jistax jigi zvelat kif ivvotaw il-membri tal-Bord.

e) Is-Segretarju tal-Kunsill ghandu jservi bhala Segretarju tal-Bord ta' Dixxiplina izda huwa m'ghandux vot u ma jista jiehu l-ebda parti attiva fil-process ta' dixxiplina. Kull parti nvoluta fil-passi dixxiplinari tista titlob li s-Segretarju jassenta ruhhu matul il-deliberazzjoni tal-membri tal-Bord.

f) Il-Bord ta' Dixxiplina ghandu joqghod mal-principji tal-gustizzja naturali u b'mod partikolari, li jkun indipendenti u mparzjali, li jaghti opportunita' xierqa lill-partijiet kollha li jressqu l-kaz/difiza taghhom u li jkunu ragonevoli. Huma m'ghandhomx ikunu arbitrarji jew b'xi mod pregudikati.

g) Matul il-proceduri ta' dixxiplima, l-kaz jigi pprezentat mill-President tal-Kunsill jew xi persuna ohra nnominata minnu. Kemm il-Kunsill kif ukoll il-membru jew Club akkuzat jista jigi assistit minn persuna tal-fiducja tieghu.

h) Kull min ihossu aggravat bid-decizzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina jista jinterponi appell quddiem Bord ta' Appell li jigi mahtur appositament mill-Kumitat Olimpiku Malti. Dan il-Bord ta' Appell ghandu jkun kompost minn tlett membri. L-Appell ghandu jkun bil-miktub u ghandu jasal ghand is-Segretarju tal-Kunsill fi zmien tlett ijiem tax-xoghol minn dakinnhar tad-decizjoni. L-appell ghandu jikkontjeni r-ragunijiet li fuqu qed jigi bbazat l-istess appell. Il-procedura hawn fuq imsemmija fir-rigward tal-Bord ta' Dixxiplina ghandha sservi wkoll ghall-Bord ta' l-Appell. Biex isir appell, l-appellant, mal-prezentata tat-talba ta' l-appell ghandu jhallas s-somma ta' Lm50 lill-Kunsill, u fis-sentenza tieghu l-Bord ta' l-Appell ghandu jiddeciedi jekk din tintilifx kollha jew parti minnha.

## ARTIKLU 24 - SHUBIJA TA' CLUBS U ORGANIZAZZJONIJIET SUSSIDJARJI

**24.1** Clubs li jorganizzaw attivitajiet ta' sparar fuq plattini u/jew fuq targets u sports iehor ta' sparar u organizazzjonijiet sussidjarji jistghu jaffiljaw mal-Federazzjoni wara li dawn ikunu ghamlu talba bil-miktub lis-Segretarju, u s-shubija taghhom fil-Federazzjoni ghandha tkun bl-elezzjoni tal-Kunsill b'dan illi:-

a) ghandhom jipprezentaw kopja ta' l-Istatut, liema Statut ghandu jipprovdi li l-Club irid ikun kostitwit u rikonoxxut u qed jaccetta l-gurizdizzjoni esklussiva tal-Federazzjoni bhala l-awtorita' Maltija li tiggverna l-isport ta' sparar fuq plattini u/jew fuq targets u sports iehor ta' sparar. B'mod generali l-Istatut ghandu jirrispetta principji sportivi demokratici u ta' *fair play* f'kull sens u li jigu rispettati l-ghanijiet tal-Federazzjoni u dawk Olimpici u l-principji tal-gustizzja naturali. B'mod partikolari l-Istatut ghandu jipprovdi :-

- li l-accounts tal-Club jigu *audited* minn awditur kkwalifikat;
- li ssir Laqgha Generali ta' kull sena;
- li l-membri kollha tal-Club ikollhom dritt jattendu u jippartecipaw fil-Laqgha Generali u fit-tmexxija tal-Club b'mod demokratiku;
- li toqghod ghar-regoli ta' l-*Antidoping* tal-Federazzjoni lokali u ta' l-ghaqdiet internazzjonali li maghhom hija msiehba l-Federazzjoni.

b) ghandhom jipprezentaw l-*audited accounts* ta' l-ahhar sena u dawn iridu jintbaghtu lill-Federazzjoni kull sena mill-inqas gimgha qabel l-Laqgha Generali ta' dan il-club.

c) ghandhom javzaw lill-Federazzjoni b'kull Laqgha Generali (kemm Staordinarja kif wkoll Annwali) fejn il-Federazzjoni jkollha d-dritt li tibghat rapprezentant taghha bhala osservatur.

d) ma' l-applikazzjoni ghas-shubija, ghandha tithallas mizata ta' shubija ta' LM 25 u abboniment annwali ta' Lm 25 li jiggedded fl-1 ta Jannar ta' kull sena.

**24.2** L-Kunsill ghandu diskrezzjoni jekk jaccettax shubija ta' Club, billi fl-ewwel lok il-Kunsill ghandu jaccerta ruhhu li l-Istatut u tmexxija tal-Club jirriflettu dak stipulat aktar 'l fuq f'paragrafu (a) u jirrispetta l-principji sportivi demokratici u ta' *fair play* f'kull sens u li jigu rispettati l-ghanijiet tal-Federazzjoni u dawk Olimpici.

**24.3** Il-Club affiljat ikollu d-dritt li jinnomina zewg delegati biex jattendu ghal-Laqgha Generali Annwali u ghall-Laqghat Generali Straordinarji tal-Federazzjoni, u kull wiehed minn dawn id-delegati jkollu dritt ghall-vot.

**24.4** Jekk ma tithallasx l-mizata annwali u din tibqa hekk mhux imhallsa sa l-ahhar ta' Jannar tas-sena partikolari, l-Kunsill ghandu dritt li jittermina s-shubija tal-Club. Id-delegati tal-Club li tieghu ma tkunx thallset il-mizata ma jkunux jistghu jivvotaw fil-Laqghat Generali tal-Federazzjoni.

**24.5** Minkejja l-premess, Clubs ta' l-isparar li jkunu kummercjali jistghu wkoll isiru membri tal-Federazzjoni u l-premess japplika ghalihom sa fejn dan jista jigi applikat. Huma jkollhom biss status ta' osservatur waqt il-Laqghat Generali u ma jkollhomx dritt ghal vot u l-ebda membru dirigenti tal-Club ma jista' jigi nnominat jew elett fuq l-Kunsill.

**ARTIKLU 25 - SHUBIJA**

Il-Kunsill ghandu s-sahha li jdahhal lill-Federazzjoni f'xi Ghaqdiet Sportivi Nazzjonali u Internazzjonali. Din is-shubija tista' tigi annullata mill-Laqgha Generali fuq vot ta' maggoranza ta' zewg terzi biss.

**ARTIKLU 26. – ANTI-DOPING**

Kull atleta li jippartecipa f'attivitajiet sportivi organizzati mill-Federazzjoni, jkun jaccetta ukoll li bil-partecipazzjoni tieghu jkun qed jaghti l-kunsens li jissottometti ruhhu ghal testijiet kontra d-*doping* billi jaghti samples skond kif mitlub, u li jattendi ghal ezamijiet medici, klinici u/jew psikologici relatati. L-organizazzjoni ta' kull *sampling* kontra d-*doping*, ghazliet u proceduri ghandhom isiru skond ir-regolamenti ta' l-ISSF u skond il-*Medical Code* ta' l-IOC li ghal dan il-ghan japplikaw u jifformaw parti integrali minn dan l-Istatut.

**ARTIKLU 27. - INTERPRETAZZJONI**

Kull haga li dwarha ma jkun hemm xejn fl-Istatut, kif wkoll l-interpretazzjoni taghha, tigi mnizzla u interpretata mill-Kunsill. Din tista' tigi mhassra biss b'vot ta' maggoranza ta' zewg terzi tal-Laqgha Generali fuq mozzjoni "ad hoc".

Statut tal-Federazzjoni Maltija ta' l-Isparar kif emendat bil-Laqgha Generali Bi-Annwali - 3 ta' Frar 2007.